**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 282/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 31 ta' Awwissu 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis- 6 ta' Frar tas-sena 2009 u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anessa u mmarkata Dok. A;
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-3 ta' Settembru 2019 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkat Dok. B izda kienu ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dar-rikors.

3. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom iktar minn 4 snin separati.
4. Ili ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess zzewwgin u l-parijiet qed jahilfu dan l-att f' das-sens.
5. Illi ma hemm ebda arretrati dovuti .
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsmemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis- 6 ta' Frar 2009;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien hekk prefiss mil-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex tali divorzju jigi debitament irregistrat skont il-ligi.

**IL-Qorti rat ir-risposta ta' CD datata 18 ta' Settembru 2020** fejn espoeniet bir-rispett;

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li mis-seperazzjoni l-esponenti rrevertiet ghal kunjom xbubitha u cjoe' D, ghalhekk l-atti ghandhom jigu kkoreguti biex isimha jaqra', CD.

Illi b' zieda mas-suespost jinghad li mhux kontestat li l-partijiet sseperaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo, nhar it- 3 ta' Settembru 2019 madanakollu ma hemmx qbil li l-partijiet kienu ilhom separati de facto ghal aktar minn 4 snin kif qed isostni r-rikorrent;

Illi jinghad li ghalkemm l-esponenti fil-principju ma ghandhiex oggezzjoni ghal-ottjeniment ta' divorzju, hija ma tistax ma tghidx il-verita', ossija li sa Jannar 2019, il-partijiet kienu ghadhom intimi flimkien.

Illi iktar minn hekk jinghad illi ghalhekk huwa minnu li l-manteniment pattwit bejn il-partijiet qed jithallas, mhux l-istess jinghad ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg minuri.

Illi effetivament ir-rikorrent jaghzel li ma jhallasx ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni jekk il-kuntratt ta' separazzjoni ma jkunx provda ghal tali spiza b' mod specifiku ( Dok A u Dok B notamenti mibghuta mir-rikorrent lill-esponenti) u dan minkejja li huwa gie anke interpellat sabiex ihallas l-istess anke ghaliex il-kuntratt huwa car f' dar-rigward. ( Dok C).

Illi  ghalhekk hemm arretrati f' dar-rigward, liema spejjez huma ukoll formanti l-manteniment. Fil-fatt l-artikolu 19 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta jghid car u tond hekk;

1. Fil-manteniment jidhlu l-ikel, ilbies, sahha u l-abitazzjoni.
2. Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l- ispejjez mehtiega ghas-sahha u edukazzjoni taghhom.

Illi finalment l-esponenti topponi ghall- ispejjez kollha tal-procedura odjerna li ghandhom jigu allokati lir-rikorrent.

Tant ghandna x' tissotometti l-esponenti f' dal-istadju a savju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 3 ta' Dicembru 2020, saret il-korrezzjoni mehtiega ghal kunjom il-konvenuta u li ghandu jinqara' D.

Il-partijiet qablu li fit- 8 ta' Dicembru 2020 il-minuri ghandhom jibqghu mal-omm u fit- 13 ta' Dicembru 2020 ikollhom l-access mal-missier, u l-festi pubblici sussegwenti jibqghu jalternaw.

Fid-dawl ta' dal-verbal, il-konvenuta irtirat l-oggezzjoni ghad-divorzju, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**